**16 ta’ Novembru**

**Tifkira ta’**

S. ĠERTRUDE, VERĠNI

Twieldet f’Eisleben, it-Turinġja fl-1256; kienet għadha ċkejkna ħafna meta bagħtuha fil-monasteru tas-sorijiet Ċisterċiżi ta’ Helfta, fejn tat ruħha għall-istudju, l-aktar il-letteratura u l-filosofija. Imbagħad daret lejn Alla, u għaġġbet lil kulħadd kemm imxiet bil-ħeffa ‘l quddiem fit-triq tal-perfezzjoni, mogħtija kif kienet għat-talb u l-kontempalzzjoni. Mietet fis-17 ta’ Novembru 1301.

Mill-Komun tal-verġni... jew tal-qaddisin nisa; għar-reliġjużi...

Talba

O Alla, int ħejjejt għalik għamara kollha hena fil-qalb tal-verġni Santa Ġertrude; bit-talb tagħha, ħenn għalina u dawwal id-dlamijiet ta’ qlubna, biex, b’ferħ kbir, inħossu l-preżenza u l-ħidma tiegħek fina. B’Ibnek.